MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 1084/2009

**Rikors Numru 1084/2009 SM**

**John Zarb (Karta ta' l-identita`**

**Numru 620744 (M)) bhala mandatarju**

**specjali ta' l-assenti Giuseppe De Simone**

**(Karta ta' l-identita` Taljana Numru AN**

**1896908/Codice Fiscale DSM GPP 62E24 D704D)**

**vs.**

**Vittoriosa Gaming Limited**

**(C – 27613)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-6 ta' Novembru, 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* sintetikament espona is-segwenti:

1.1. Illi l-mandant De Simone fuq riferit gie Malta ma' kollega tieghu fl-1 ta' Dicembru, 2006, bl-iskop preciz li flimkien imorru jilghabu fil-*Casino di Venezia* gestit mis-socjeta` intimata;

1.2. Illi r-rikorrenti u l-kollega tieghu effettivament marru fl-imsemmi Casino bejn wiehed u iehor mill-4.00 p.m. tat-2 ta' Dicembru, 2006, sas-2.00 a.m. ta' l-ghada;

1.3. Illi meta waqfu mill-loghob marru fuq il-kaxxiera biex jinkassaw ir-rebh taghhom;

1.4. Illi l-kaxxiera pero` infurmathom li ma kelliex bizzejjed kontanti biex tissodisfa l-krediti in dizamina u d-differenza rimanenti kienet ghalhekk ser thallashom permezz ta' cekkijiet;

1.5. Illi r-rikorrenti u l-kollega tieghu oggezzjonaw ghal dan;

1.6. Illi rapprezentant tal-Casino, certu Orlandi, kkonsenjat lir-rikorrenti u lill-kollega tieghu numru ta' cekkijiet fuq kont tas-socjeta` intimata;

1.7. Illi l-bilanc hekk dovut lill-mandant De Simone jammonta ghal sittin elf Ewro (€60,000.00);

1.8. Illi c-cekkijiet ikkonsenjati lill-mandant De Simone minn Orlandi huma s-segwenti:

1.8.1. Wiehed ta' €39,000.00, (ara foll 7 u 8);

1.8.2. Wiehed ta' €16,000.00, (ara foll 9 u 10);

1.8.3. Wiehed ta' €5,000.00, (ara foll 11 u 12), ilkoll datati t-2 ta' Dicembru, 2006;

2. Rat in-nota tas-socjeta` intimata datat l-14 ta' Dicembru, 2009, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm espressi, talbet li tinghata l-fakulta` tipprezenta r-risposti taghha ghat-talbiet tar-rikorrenti *nomine*, (ara foll 24 *et* sequitur);

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-12 ta' Jannar, 2010, fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, awtorizzat lis-socjeta` intimata biex tipprezenta r-risposta taghha fir-rigward fit-terminu hemm lilha moghti, (ara foll 27);

4.0. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata datata t-18 ta' Jannar, 2010, li permezz taghha sintetikament irrispondiet is-segwenti:

4.1. Illi mhix debitrici tar-rikorrenti mandanti fis-somma indikata fir-rikors guramentat promotur, (ara foll 1 *et sequitur*);

4.2. Illi ghalhekk it-talbiet relattivi ghandhom jigu respinti;

4.3. Illi l-mandanti kien jifforma parti minn grupp li ttenta jirraggira lis-socjeta` intimata billi l-membri ta' dan il-grupp bdew jilghabu wiehed kontra l-iehor fejn allura ma kien qed isir l-ebda telf;

4.4. Illi fl-ahhar tas-serata l-membri ta' l-imsemmi grupp marru jsarrfu c-cipep in dizamina li ma kienux gew ghandhom rizultat ta' rebh li ghamlu fil-casino izda mill-*bank drafts* misruqin biex b'hekk gew mahsula;

4.5. Illi appena indunat b'dan ir-raggir is-socjeta` intimata tat struzzjonijiet lill-Bank of Valletta biex jitwaqqfu l-pagamenti;

4.6. Salv eccezzjonijiet ohra;

5. Rat il-verbal datat it-28 ta' Novembru, 2014, fejn ghar-ragunijiet hemm indikati ddekretat li l-fazi tal-produzzjoni tal-provi *da parte* tas-socjeta` intimata kienu maghluqa (ara foll 132);

6. Rat id-digriet taghha wkoll datat it-28 ta' Novembru, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-kontendenti biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 132);

7. Tissottolinea li hadd mill-partijiet m'ottempora ruhhu ma l-obbligu assunt minnhom biex jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet kif indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 133);

8. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

9. Semghet lix-xhud prodott quddiema kif issa preseduta u ezaminat ix-xhieda prodotta quddiema diversament preseduta;

10. Semghet lill-abbli rapprezentant legal ital-partijiet, (ara foll 133);

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

11.1. Illi fuq stedina tas-socjeta` intimata r-rikorrenti mandant gie Malta biex iqatta` perjodu ta' zmien jilghab fil-Casino minnha gestit il-Birgu, (ara foll 83);

11.2. Illi meta ma ohrajn l-istess rikorrenti mandate wasal il-Casino in dizamina sarraf hamest elef Ewro, (€5,000.00), f'cipep tal-loghob, (ara foll 83);

11.3. Illi dam jilghab mill-5.00 p.m. sat-8.00 p.m. tat-2 ta' Dicembru, 2006, u wara li ppranza, rega` beda jilghab ghall-habta ta' l-10.00 p.m. u baqa` sat 3.00 a.m. ta' l-ghada filghodu, (ara foll 83);

11.4. Illi meta spicca, r-rikorrenti mandant mar isarraf ic-cipep li kellu fi flus, fejn kien infurmat li ma kienx fadlilha flus kontanti u tat id-differenza f'cekkijiet, (ara foll 83 u foll 7 sa 12);

11.5. Illi c-cekkijiet imsemmijin fil-paragrafu precedenti gew depozitati f’bank f’Forli l-Italja, (ara foll 84);

11.6. Illi wara ghoxrin guranata l-Bank *de quo* informa lir-rikorrenti mandant li c-cekkijiet in dizamina kienu gew riferiti lura u b’hekk ma kienux onorati minn min kien harighom, (ara foll 84);

11.7. Illi *di piu`*, kien indikat li l-istess cekkijiet kienu misruqa, (ara foll 84);

11.8. Is-socjeta` intimata baqghet ma onoratx ic-cekkijiet *de quo*, (ara foll 84);

11.9. Illi minn fuq, meta l-istess rikorrenti mandanti kkommunika mac-*Chief Executive Officer* tas-socjeta` intimata, certu Orlandi, dan:

> “... irrabja mieghi ...” u qallu wkoll “... issa tara kif ma tithallasx...”, (ara foll 84);

11.10. Illi ghalhekk intavola l-procedura odjerna biex jiehu dak li hu legittimament tieghu;

Ikkunsidrat:

12. Illi in effetti jirrizulta assodat li t-tlett cekkijiet meritu tal-kawza odjerna gew rilaxxati lir-rikorrenti mandanti taht il-firma tall-persuna responsabbli mill-fondi tas-socjeta` intimata, (ara foll 106);

Ikkunsidrat:

13.0. Illi pero` s-socjeta` intimata sintetikament issosstni s-segwenti:

13.1. Illi c-cekkijiet in dizamina huma parti minn truffa appozitament organizzata minn gruppi ta’ Taljani li uhud minnhom gew ukoll arrestati in flagranti, (ara foll 106);

13.2. Illi dan il-grupp ta’ persuni kellhom fil-pussess taghhom cekkijiet provenjenti minn reati effettwati l-Italja, (ara foll 107);

13.3. Illi ghalhekk l-operazzjoni in dizamina kienet intiza biex jinhasslu kwantitajiet kbar ta’ flus, (ara foll 107);

13.4. Illi l-metodu adoperat kien li dawn kienu jsarfu c-cekkijiet f’cippijiet imqassma fuq diversi membri ta’ l-istess grupp, (ara foll 107)

13.5. Illi muniti b’dawn ic-cippijiet, dawn il-membri ta’ dan il-grupp kienu taparsi jilghabuhom fil-Casino *de quo* u wara jergghu isarrfuhom f’kontanti biex b’hekk *“jahsluhom”*, (ara foll 107);

13.6. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata tat struzzjonijiet biex ic-cekkijiet minnha mahruga fl-imsemmija cirkostanzi ma jissarfux, (ara foll 107);

13.7. Illi wara li s-socjeta` intimata ezaminat il-filmati interni, ikkonstatat li r-rikorrenti mandanti kien jifforma parti minn din l-istess organizazzjoni sovversiva, (ara foll 107);

13.8. Illi kien ghalhekk li s-socjeta` intimata irrifjutat li thallas lir-rikorrenti mandanti in dizamina, (ara foll 107);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi analizi tas-suespost jista` jigi sintetikament ridott essenzjalment ghas-segwenti kontra-apposizzjoni:

14.1. Illi r-rikorrenti mandanti qed jitlob li jinghata l-ammont minnhu mitlub mis-socjeta` intimata *stante* li din debitament irrilaxxatlu tlett (3) cekkijiet komplessivament ammontanti ghal €60,000.00, u li hu ghandu pretensjoni legittima insindakabbli biex jirriskwoti l-istess ammont favur tieghu;

14.2. Illi s-socjeta` intimata ssostni li l-agir ta’ ............ hu parti min azzjoni kriminali intiza espressament biex tuza s-servizzi tal-Casino *de quo* biex tahsel il-flus misruqin f’attivita` kriminali fl-Italja;

Ikkunsidrat:

15. Illi tenut kont tas-suespost ghandu jkun pacifiku dak statutorjament stabbilit fl-artiklu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li minn jallega jrid jipprova li jirrifletti il-massima antika:

**"actore non probante, reus absolvitur"**;

16. Illi fil-kaz odjern jirrizulta li s-socjeta` intimata qed tirrifjuta li thallas l-ammont komplessiv in dizamina *stante* li qed tallega li r-rikorrenti hu parti minn grupp ta' kriminali li ppruvaw jahslu l-flus fil-casino taghha;

17.0. Illi f'dan ir-rigward l-ispettur tal-Pulizija prodott bhala xhud *in atti* jsostni biss is-segwenti:

17.1. Illi l-Pulizija irceviet rapport mis-socjeta` intimata fil-perjodu in dizamina li grupp ta' nies kienu ppruvaw jiddefrawdaw lill-istess socjeta`, (ara foll 40);

17.2. Illi c-cippijiet mirbuha mill-membri ta' dan il-grupp kienu ssarrfu fl-4 ta' Dicembru, 2006, u inghataw ukoll cekkijiet biex ikopru ammonti li ma kienux gew imsarrfa, (ara foll 40);

17.3. Illi jirrizulta li kien hemm okkorrenza simili fit-tmiem il-gimgha ta' qabel fejn gara l-istess u l-ammonti mirbuha gew imsarrfa, (ara foll 40);

17.4. Illi effettivament tlett (3) persuni kienu gew mressqa l-qorti u akkuzati b'reati ta' falsifikazzjoni, frodi u hasil ta' flus, (ara foll 40);

17.5. Illi fil-konfront tar-rikorrenti mandanti ma jirrizulta li gie allegat xejn, (ara foll 36 sa 42);

Ikkunsidrat:

18. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li *nonostante* l-allegazzjoni indirizzata fil-konfront tar-rikorrenti mandanti, s-socjeta` intimata naqset li tissodisfa l-precett legali li “tipprova dak minnha allegat”

19. Illi *di piu`* kif issostni l-**Qorti ta’ l-Appell Inferjuri Ellul et vs. Busuttil datata s-7 ta’ Mejju, 2010**, fejn ikun hemm l-esistenza ta’ versjonijiet kontrastanti apposti li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, l-principju prevalenti in dizamina ghandu jkun dak li allura wiehed ghandu jiffavorixxi t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni, (ara wkoll **Giordmaina Medici et vs. Rizzo et, Prim’Awla tal-Qorti Civili, datata t-28 t’April, 2004);**

Ikkunsidrat:

20. Illi rizultat tas-suespost ghandu jkun pacifiku li fil-procedura in dizamina s-socjeta` intimata naqset li tipprova dak minnha allegat fil-konfront tar-rikorrenti mandanti;

21. Illi *di piu`*, fl-istess hin ir-rikorrenti mandanti pprova a sodisfazzjon tal-qorti li c-cekkijiet minnhu pprezentati huma cekkijiet regolarment mahruga li jobbligaw lis-socjeta` intimata li tonorhom skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* pprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement filwaqt li takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti *nomine*, tirrespingi r-risposti kollha tas-socjeta` intimata u ghalhekk:

**DECIDE:**

22.1. Tiddikjara lis-socjeta` intimata Vittoriosa Gaming Limited hi debitrici tar-rikorrenti *nomine* fuq indikat ghas-somma komplessiva ta' sittin elf Ewro, (€60,000.00);

22.2. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata biex thallas lir-rikorrenti *nomine* is-somma indikata fil-paragrafu precedenti;

22.3. Bl-ispejjez kif dedotti mir-rikorrenti *nomine* fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet legali skont

il-ligi mit-28 ta’ Gunju, 2007, data meta l-istess effettwa l-ewwel talba gudizzjarja fir-rigward.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------